# Il-Ħlewwa mat-Tfal tal-Qaddis Profeta[sa]



# Il-Ħlewwa mat-Tfal tal-Qaddis Profeta[sa]

RASHID AHMAD CHAUDHRY

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

The Holy Prophet's Kindness to Children
(In Maltese Language)

**Il-Ħlewwa mat-Tfal tal-Qaddis Profeta[sa]**
*Ippubblikat għall-ewwel darba fir-Renju Unit fl-1989*
*Ippubblikat mill-ġdid fir-Renju Unit fl-1990*
*Din l-edizzjoni riveduta fl-2004*
*©Islam International Publications Ltd*

**Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2015)**

Pubblikazzjoni ta'

**Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta**

**Mob:** +356-79320139 **Tel:** +356-27342401
**Tel:** +356-21322105 . **Fax:** +356-27322105
**Email:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

*Il-jeddijiet tal-pubblikazzjoni kollha miżmuma. Ebda silta minn dan il-ktieb ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess tal-pubblikaturi.*

ISBN 978-1-84880-673-3

Stampa: © shutterstock.com

# WERREJ


| | |
|---|---|
| 1. Introduzzjoni | 1 |
| 2. Muħammad[sa] | 2 |
| 3. It-tneħħija tad-drawwa tal-qtil tat-trabi bniet | 6 |
| 4. Ir-rispett lejn it-tfal | 7 |
| 5. It-tfal kollha għandhom jirtu | 8 |
| 6. L-edukazzjoni tal-bniet | 9 |
| 7. Il-ġenituri għandhom jitolbu għal uliedhom | 11 |
| 8. Il-kura tal-iltiema | 12 |
| 9. Ir-responsabbiltajiet tal-kustodji | 13 |
| 10. Iċċaħħdux lill-werrieta leġittimi | 14 |
| 11. Ittrattaw it-tfal kollha b'mod ġust | 15 |
| 12. Kunu qalbkom tajba mal-ħaddiema | 16 |
| 13. L-imħabba lejn it-tfal | 17 |
| 14. Żommu l-wegħdiet tagħkom | 19 |
| 15. Agħtu widen lit-tfal | 20 |
| 16. Il-kastigi tat-tfal | 21 |
| 17. It-tfal kollha jitwieldu bla dnub | 22 |
| 18. Itolbu l-barkiet għal fuq il-Profeta | 23 |

# Daħla għall-Edizzjoni Riveduta

Waqt li kien qed jindirizza lill-Qaddis Profeta tal-Iżlam, Muħammad[sa], Alla jistqarr fil-Koran Imqaddes, "Aħna bgħatna lilek biex isservi ta' mogħdrija għall-popli kollha" (21: 108).

Il-Qaddis Profeta[sa] kien tabilħaqq il-personifikazzjoni tal-Ħniena Divina. Huwa benedizzjoni għall-umanità kollha, għaliex it-tagħlim tiegħu mhuwiex marbut ma' perjodu partikolari jew ma' poplu magħżul. Minħabba li ħalla tagħlim imprezzabbli bħala sors ta' gwida u direzzjoni, il-Qaddis Profeta[sa] jista' jitqies bħala ħanin ma' kulħadd, mad-dixxipli tiegħu, mal-għedewwa tiegħu, mal-irġiel u n-nisa, maż-żgħar u l-kbar.

F'din l-edizzjoni riveduta, il-membri tal-Kumitat tal-Ktieb tat-Tfal taw kas ta' għadd ta' suġġerimenti validi magħmula mill-qarrejja għat-titjib ta' dan il-ktieb u żiedu xi ġrajjiet interessanti mill-ħajja tal-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam li juru kemm kellu qalbu tajba mat-tfal.

Rashid Ahmad Chaudry, iċ-Ċermen tal-Kumitat tal-Ktieb tat-Tfal, u l-membri tal-grupp tiegħu Mansoor Saqi, Masroor Aħmad, Salimullah Kahlon, u Maidah Aħmad ħaqqhom kull tifħir għar-reviżjoni ta' dan il-proġett. Jalla Alla jberikkom kollha.

Nittamaw li din il-pubblikazzjoni tnissel ħajra fit-tfal sabiex iħobbu dejjem iżjed lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Munir-ud-Din Shams<br>
Wakilut-Tasneef<br>
Londra, Novembru 2003

*F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin*

# INTRODUZZJONI

Il-membri tal-Kumitat tal-Ktieb tat-Tfal ħejjew ***Il-Ħlewwa mat-Tfal tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].*** Dan il-kumitat kien inħatar minn Ħażrat Kalifatul-Masiħ IV[rh] u ħadem taħt is-superviżjoni u l-gwida diretta tiegħu. Wara li ġie nieqes, il-proġett tkompla taħt is-superviżjoni ta' Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba].

Il-membri tal-kumitat jixtiequ juru l-apprezzament tagħhom lejn Ħażrat Mir Muħammad Ismail, Sieħeb tal-Messija Mwiegħed[as], li l-ktieb oriġinali tiegħu bl-Urdu *Aalam-I-Atfal aur Rahmatul-lil-Aalameen,* li ġie ppubblikat xi snin ilu, kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa kotba li ttrattaw it-trobbija tat-tfal. Fil-fatt kien dan il-ktieb li ispirana biex aħna naħdmu fuq din il-pubblikazzjoni. Jalla Alla jimlieh bil-benedizzjoni tiegħu.

Aħna qed nittamaw li kemm l-għalliema kif ukoll il-ġenituri u t-tfal jilqgħu bi pjaċir dan il-ktieb. L-ismijiet tal-għalliema u tat-tfal ma għandhom l-ebda importanza. Huma kollha fittizji.

Il-qarrejja Musulmani huma mħeġġa jgħidu "Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu dejjem fuqu" kull meta jidher fis-siltiet isem il-Qaddis Profeta Muħammad, u "l-paċi tkun fuqu" kull meta jissemma xi Profeta ieħor.

Il-Kumitat tal-Ktieb tat-Tfal

**Traduzzjoni bil-Malti:**

Qegħdin nippreżentaw it-traduzzjoni bil-Malti ta' dan il-ktieb għall-qarrejja tagħna. Din hija l-ewwel edizzjoni ta' dan il-ktieb bl-ilsien Malti, ippubblikata fl-2015.

Laiq Ahmed Atif
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

# MUĦAMMAD

*Il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu dejjem fuqu*

Kienu d-disgħa tal-Ġimgħa filgħodu. Il-qanpiena daqqet u t-tfal kollha tal-iskola primarja lokali telqu jgħaġġlu lejn il-klassijiet tagħhom. Il-Form 2M kellhom ir-reliġjon bħala l-ewwel lezzjoni tal-ġurnata. Hekk kif poġġew bilqiegħda daħlet fil-kamra l-għalliema tagħhom Miss Mitchell u qaltilhom, "F'dan it-term se nitkellmu dwar il-ħajja tal-Profeta tal-Iżlam."

Hija staqsiet lit-tfal jekk kinux jafu fejn twieled il-Qaddis Profeta. Ħadd ma wieġeb.

Imbagħad staqsiet, "Min jaf jgħidli x'jismu l-Fundatur tal-Iżlam?"

Aħmad għolla idu, u qal, "Isem il-Fundatur tal-Iżlam huwa Muħammad."

"Bravu," qaltlu Miss Mitchell.

Imbagħad hija qalet lill-klassi li l-Profeta tal-Iżlam kien twieled f'belt jisimha Mekka fl-Arabja Sawdita.

Miss Mitchell imbagħad qabbdet lil Angela turihom minn fuq il-mappa tad-dinja fejn kien jinsab dan il-pajjiż.

Angela ħarġet minn postha u tefgħet subagħha fuq il-mappa. Miss Mitchell imbagħad bdiet tirrakkonta:

"Muħammad twieled f'Mekka fl-Arabja Sawdita fis-sena 570WK. Kien nannuh Abdul-Muttalib li semmieh Muħammad. Huwa twieled iltim. Tafu xi jkun iltim?" staqsiet Miss Mitchell.

"Miss," qabeż Robin. "Xi ħadd li jkun tilef lil missieru jew lil ommu jissejjaħ iltim."

"Hekk hu," wieġbet l-għalliema. "Missier Muħammad, Abdullaħ, miet ftit xhur qabel it-twelid tiegħu. Muħammad kien jagħmel parti minn familja nobbli ħafna fl-Għarabja magħrufa bħala Quraish. U kif kienet l-użanza fl-Għarabja dak iż-żmien, it-tarbija Muħammad ingħatat minn ommu Aamina lill-imreddgħa Ħalima ħalli dan jitrabba fil-kampanja."

"Xi tkun imreddgħa?" staqsiet Kim.

"Imreddgħa hija mara li titħallas biex tredda' tarbija ta' mara oħra," wieġbet Miss Mitchell. "Meta Muħammad kellu sitt snin mietet ommu wkoll. Kien nannuh Abdul-Muttalib li beda jieħu ħsiebu, iżda dan ġie nieqes ukoll sentejn wara. Imbagħad kien zijuh Abu Talib li ħa l-kustodja tiegħu. Meta kien tifel Muħammad kien jieħu ħsieb il-mogħoż u l-iġmla fl-għelieqi bħalma kienu jagħmlu żgħażagħ Għarab oħra. Muħammad kien tifel speċjali. Qatt ma kien jigdeb. Huwa kien reliġjuż ħafna, sinċier u onest, tant li ħafna nies kienu jsejħulu As-Saadiq li tfisser 'l-onest' u Al-Ameen li tfisser 'dak li tista' tafdah'. Huwa kien jipprova jgħin lill-fqar u lid-dgħajfin. Huwa kien dejjem jirrispetta lill-kbar u kien ġeneruż maż-żgħar.

Khadijah, armla sinjura minn Mekka, semgħet bl-onestà, ir-rispett għall-prinċipji reliġjużi, il-lealtà u l-karattru b'moralità għolja ta' Muħammad. Hija ddeċidiet li timpjegah magħha bħala aġent kummerċjali. Għaldaqstant hija ssuġġeriet lil Abu Talib li jħalli lin-neputi tiegħu jmexxilha l-attività kummerċjali lejn is-Sirja. Abu Talib tħaddet ma' Muħammad u t-tnejn aċċettaw il-proposta. Il-vjaġġ ta' negozju kien suċċess kbir. Muħammad irritorna bi profitti kbar.

Khadijah impressjonat ruħha bi kbir bl-onestà tiegħu u bil-mod ta' kif mexxa n-negozju tagħha. Għalhekk hija ppoponietlu li jiżżewwiġha, u huwa aċċetta. Meta żżewġu, Muħammad kellu ħamsa u għoxrin filwaqt li Khadijah kellha erbgħin sena. Wara ż-żwieġ Khadijah erħiet il-proprjetà u l-ilsiera kollha tagħha f'idejn Muħammad. Muħammad nefaq ħafna minn dan il-ġid biex jgħin lill-foqra u lil dawk fil-bżonn, u mal-ewwel ħeles lill-ilsiera kollha.

Il-Musulmani jemmnu li meta Muħammad għalaq l-erbgħin sena, Alla għażlu bħala l-Messaġġier tiegħu. Jingħad li huwa kien joħroġ ta' spiss barra l-belt ta' Mekka u jmur iqatta' l-ħin jadura 'l Alla ġewwa għar bl-isem ta' Hira. Dan l-għar kien qiegħed fil-quċċata ta' muntanja xi tliet mili barra Mekka. Muħammad kien diżgustat bil-ħajja li kien imdawwar biha f'Mekka għax is-soċjetà kienet waħda korrotta. Il-foqra u l-iltiema kienu totalment imwarrba. In-nies kienu jqimu ħafna allat magħmulin mill-ġebel jew mill-injam. Darba waħda waqt li kien qiegħed jitlob ġewwa l-għar, deherlu l-anġlu Gabrijel u qallu biex jiddeklama. Muħammad wieġeb li ma kienx jaf jagħmel dan. L-anġlu insista u b'hekk Muħammad beda jiddeklama kif urieh l-anġlu. Dan kien il-bidu tar-rivelazzjoni. Kienet tassew esperjenza ġdida għal Muħammad. Din, u rivelazzjonijiet li ġew wara, saru siltiet mill-Koran, il-Ktieb Imqaddes tal-Musulmani.

Il-kelma 'Koran' litteralment tfisser 'dak li jinqara spiss'. Kull meta silta mill-Koran kienet tiġi rivelata lill-Profeta Muħammad, dan kien jitgħallimha bl-amment. Ħafna mid-dixxipli tiegħu kienu jagħmlu l-istess. Uħud minnhom saħansitra kitbu l-versi fuq dak kollu li kienu jsibu madwarhom bħal biċċiet tal-ġilda, qxur tas-siġar, jew ġebel."

"X'inhi rivelazzjoni?" staqsiet Susan.

Miss Mitchell spjegat, "Rivelazzjoni tfisser dak l-għerf divin li jitwassal verbalment lill-bniedem mingħand Alla. Il-Profeta tal-Iżlam la kien jaf jaqra u lanqas jikteb, iżda Alla għaddielu ammont kbir ta' dehen bis-saħħa tar-rivelazzjoni."

Hija ssoktat: "Ftit kienu n-nies li aċċettawh fil-bidu. Il-maġġoranza tan-nies f'Mekka ma laqgħuhx anzi waqqgħuh għaċ-ċajt. Huwa għex f'Mekka għal tlettax-il sena. Tul dan iż-żmien huwa u d-dixxipli tiegħu kienu ppersegwitati. Meta l-persekuzzjoni intensifikat ħafna, Alla amar lil Muħammad biex jitlaq mill-belt. Għalhekk huwa erħielha lejn Medina, belt fejn kien diġà nxtered l-Iżlam. Din il-ġrajja hija magħrufa bħala l-Ħiġra fl-istorja tal-Iżlam. Il-kalendarju Iżlamiku fil-fatt jibda mid-data meta l-Profeta tal-Iżlam emigra minn Mekka għal Medina. Meta l-poplu ta' Mekka rrealizza li l-Iżlam kien qed jixtered sew f'Medina, huma attakkaw il-belt għadd ta' drabi sabiex jeqirdu lill-Musulmani. Kontra kull mistenni, il-Musulmani rebħu l-battalji kollha. Fl-aħħar il-forzi Musulmani, taħt il-kmand tal-Profeta tal-Iżlam, daħlu Mekka rebbiħin.

Il-Profeta miet fl-età ta' tlieta u sittin fis-sena 633WK. Sa dak iż-żmien l-Iżlam kien inxtered mal-Għarabja kollha. Il-Profeta tal-Iżlam kien ġeneruż ma' kulħadd, anki mal-għedewwa tiegħu, iżda l-ġenerożità tiegħu kienet tispikka immens fejn jidħlu t-tfal."

L-istudenti tant kienu mitlufa jisimgħu l-istorja li lanqas biss intebħu li kienet daqqet il-qanpiena, u għaldaqstant il-lezzjoni kienet intemmet.

Imbagħad l-għalliema qalet, "Il-ġimgħa d-dieħla, dawk it-tfal li jixtiequ jipparteċipaw għandhom jirrakkontaw ġrajja mill-ħajja tal-Profeta tal-Iżlam li turi l-ħlewwa u l-imħabba tiegħu lejn it-tfal."

## It-tneħħija tad-drawwa tal-qtil tat-trabi bniet

Il-Ġimgħa ta' wara, meta bdiet il-lezzjoni, Ayesha qamet u qalet, "Wieħed mill-favuri kbar li kkonċeda l-Qaddis Profeta tagħna lill-umanità kien li neħħa l-użanza tal-qtil ta' trabi bniet. Jiena ġejja mill-Għarabja. Fl-imgħoddi, qabel il-miġja tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam, kien hemm ċerti tribujiet fl-Għarabja li kienu jqisu t-twelid tal-bniet bħala diżunur għall-familji tagħhom, għalhekk uħud mill-mexxejja kienu joqtlu l-bniet ftit wara li jitwieldu. Huma kienu jaħsbu li b'dan l-għemil kienu se jsalvaw l-unur tagħhom. Il-Qaddis Profeta neħħa din l-użanza krudili. Għaldaqstant, huwa wera qalb kbira mat-tfal, speċjalment mal-bniet. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuq il-Qaddis Profeta tal-Iżlam."

Hekk kif Ayesha waqfet titkellem, għolla idu Satnam u qal, "Miss, ommi qaltli li fl-Indja wkoll kien hemm nies li kienu joqtlu t-trabi bniet. Anki llum, meta titwieled tifla, hemm nies li ma jkunux kuntenti daqskemm meta jitwieled tifel."

Miss Mitchell qalet, "Iva, Satnam, għandek raġun. Għalhekk għandna nkunu grati lejn il-Profeta tal-Iżlam talli neħħa din l-użanza kerha."

# Ir-rispett lejn it-tfal

Imbagħad kien imissu Aħmad biex jitkellem. Huwa kkwota diskors tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam, fejn dan ta istruzzjonijiet lid-dixxipli tiegħu biex jirrispettaw lil uliedhom.

Il-Qaddis Profeta jingħad li qal, **"Irrispettaw lil uliedkom u rabbu fihom l-aqwa manjieri."**

Aħmad issokta, "Hija ħasra li ħafna ġenituri ma jagħtux kas dan il-prinċipju tad-deheb. Xi kultant huma jinjoraw għalkollox lit-tfal tagħhom. Hemm ġenituri li jħobbu ħafna lil uliedhom, jitimgħuhom sewwa, jagħtuhom ħwejjeġ sura x'jilbsu, u l-biċċa l-kbira jieħdu ħsiebhom tajjeb, iżda mbagħad ma jagħtux kas tas-sentimenti tagħhom.

Il-Qaddis Profeta ta istruzzjonijiet biex il-ġenituri ma jweġġgħux is-sentimenti tat-tfal tagħhom. Għandhom juru ħniena magħhom. Fuq kollox għandhom jiddiskutu bil-miftuħ magħhom dawk l-affarijiet li għalihom huma importanti. B'hekk jiġu żviluppati sewwa fihom is-sens ta' dinjità, ir-rispett lejhom infushom, u kwalitajiet morali għoljin. Il-Qaddis Profeta ħeġġeġ lill-ġenituri biex jedukaw lil uliedhom bl-aqwa modi possibbli u jkabbru fihom ir-rispett lejn l-anzjani. Dan hu wieħed mill-favuri li ta l-Qaddis Profeta lit-tfal. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

Miss Mitchell irringrazzjat lil Aħmad talli qasam mal-klassi dan it-tagħlim importanti tal-Profeta nobbli tal-Iżlam.

## It-tfal kollha għandhom jirtu

Imran kien ħerqan biex jgħid tiegħu. Huwa qal, “Il-Qaddis Profeta għallem lid-dixxipli tiegħu li meta persuna tiġi nieqsa, il-proprjetà tagħha għandha tintiret b’mod ġust mit-tfal kollha tagħha u ż-żgħar m’għandhomx jitħallew barra.”

Kienet l-użanza fl-Għarabja dak iż-żmien li l-ewwel tifel jiret kollox u ħutu jiġu dipendenti fuqu. Saħansitra llum, f’ċerti pajjiżi, huwa l-primoġenitu biss li jiret il-ġid kollu li jħallu l-ġenituri.

Imran issokta, “Għandna nkunu grati immens lejn il-Qaddis Profeta li ta istruzzjonijiet lill-Musulmani kollha biex iqisu lil uliedhom bl-istess kejl. Għaldaqstant, f’soċjetà Musulmana, it-tfal kollha jieħdu sehem indaqs mill-ġid u l-proprjetà tal-ġenituri tagħhom. Jiena l-iżgħar fost ħuti, madankollu għandi d-dritt għall-istess sehem daqs ħuti tal-propjetà ta’ missieri. Għalhekk aħna nfaħħru d-dehen tal-Qaddis Profeta għal dan it-tagħlim nobbli. Jalla l-paċi u l-barkiet ta’ Alla jkunu fuqu.”

Taħira għolliet idha u qalet, “Nixtieq inżid xi ħaġa oħra ma’ dak li ntqal diġà. L-Iżlam huwa l-uniku reliġjon li ppropona sistema dettaljata tal-wirt. Huwa jiddefinixxi n-nies li jirtu u s-sehem li kull persuna tieħu f’sitwazzjonijiet partikolari. Barra minn hekk, l-Iżlam huwa l-ewwel reliġjon li ta lin-nisa l-jedd għall-wirt. B’hekk il-bniet, flimkien mas-subien, jirtu l-propjetà tal-ġenituri tagħhom.”

Taħira kompliet, “Minħabba dan it-tagħlim, mhux biss il-bniet, iżda anki n-nisa inġenerali, ingħataw drittijiet xierqa fejn jidħol il-wirt.”

Imbagħad Miss Mitchell qalet, “Jidher li l-Qaddis Profeta kellu ħerqa kbira li jtejjeb il-kundizzjoni tan-nisa fis-soċjetà u li jiggarantilhom id-dinjità u trattament ġust u ugwali.”

# L-edukazzjoni tal-bniet

L-istudenta li kien imiss, Maryam, qamet u qalet, "Nixtieq ngħid xi ħaġa dwar l-edukazzjoni tal-bniet. Il-Profeta tal-Iżlam għamel enfasi kbira fuq it-tagħlim tal-bniet. Huwa ta istruzzjonijiet lill-Musulmani biex dawn jassiguraw li l-bniet jirċievu edukazzjoni xierqa. B'dan il-mod, mhux biss isiru ommijiet tajba u jrabbu lil uliedhom bl-aħjar mod possibbli, iżda, billi jkunu edukati, ikunu jistgħu jikkontribwixxu aktar lis-soċjetà."

Hija ssoktat, "Minħabba dan id-diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad, missier ommi ried jaċċerta ruħu li ommi tirċievi edukazzjoni tajba kemm akkademika kif ukoll reliġjuża. B'riżultat ta' dan, fuq ix-xogħol, hija tmur ħafna aħjar mill-maġġoranza tal-kollegi tagħha rġiel. Għandna nkunu grati lejn il-Profeta Muħammad li ta istruzzjonijiet lill-Musulmani biex jgħallmu lil uliedhom bniet. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

John għolla idu u qal, "Miss! Dan ifisser li l-Profeta tal-Iżlam ma kienx favur l-edukazzjoni tas-subien?"

Miss Mitchell wieġbet, "Le, dan mhux il-każ. Il-Profeta tal-Iżlam kien jgħix f'soċjetà li kienet tiddisprezza lin-nisa. Dawn ma kellhom l-ebda pożizzjoni xierqa fis-soċjetà. Għalhekk il-Profeta tal-Iżlam aċċenna l-edukazzjoni tal-bniet."

Lailah għolliet idha u qalet, "Miss! Jiena ġejja mill-Afganistan. Kien hemm żmien meta l-gvern ma kienx jippermetti t-tagħlim tal-bniet fl-iskejjel. L-iskejjel tal-bniet, fil-fatt, ingħalqu. L-istruzzjoni tal-Qaddis Profeta li **'L-akkwist tal-għarfien huwa obbligatorju għas-subien u l-bniet kollha Musulmani' kienet injorata għalkollox.'"**

Miss Mitchell qalet, **“Jiena naf li t-tfittxija għall-għarfien hija meqjusa bħala obbligazzjoni reliġjuża fl-Iżlam.** Dan huwa suġġett tassew importanti. Jekk hemm xi ħaddieħor li jixtieq jgħid xi ħaġa oħra...”

Zoya qalet, “L-għalliema tal-Iskola tal-Ħadd semmitilna diskors tal-Qaddis Profeta tal-Iżlam. Jingħad li huwa qal, **‘L-ebda rigal minn dawk kollha li jista’ jagħti missier lil uliedu ma huwa aqwa mill-edukazzjoni.’”**

Miss Mitchell qalet, “Grazzi Zoya ta’ din l-informazzjoni.”

# Il-ġenituri għandhom jitolbu għal uliedhom

Imbagħad Ambreen fakkret lill-klassi f'diskors ieħor tal-Qaddis Profeta fejn huwa ta istruzzjonijiet lill-ġenituri Musulmani biex dawn jitolbu għal uliedhom. Hija qalet li l-Qaddis Profeta kien semma xi talb speċjali għal dan il-għan. Fosthom hemm:

"O Alla żomm lili u lil uliedi 'l bogħod mill-adorazzjoni tal-idoli." (14: 36)

"O Alla agħmel li jien u wliedi kollha nibqgħu sodi fl-osservazzjoni tat-Talb." (14: 41)

"Mulej tagħna, agħmel li żwieġna u n-nisa u t-tfal tagħna jkunu l-għaxqa ta' għajnejna u agħmel lil kull wieħed u waħda minna mexxej tar-ruħ." (25: 75)

Ambreen kompliet, "Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuq il-Qaddis Profeta li għallem dan it-talb sabiħ lill-Musulmani."

Ayesha qalet, "Ħalli nfakkarkom f'diskors ieħor tal-Qaddis Profeta. Jingħad li qal, 'Hemm tliet talbiet li Alla jaċċetta bla eżitazzjoni. It-talba ta' missier għal uliedu, it-talba ta' xi ħadd li jkun qed jivvjaġġa, u t-talba ta' persuna li tkun ippersegwitata.'"

Miss Mitchell irringrazzjat lil Ambreen u lil Ayesha.

Barbara staqsiet, "Xi tfisser wild il-bniedem?"

L-għalliema spjegat, "Wild il-bniedem tfisser id-dixxendenti ta' persuna. 'Il-wild tiegħi' tfisser it-tfal tiegħi u t-tfal tat-tfal, u nibqgħu sejrin. Il-Profeta tal-Iżlam għallem lid-dixxipli tiegħu biex ma jitolbux biss għalihom infushom iżda wkoll għall-ġenerazzjonijiet futuri."

# Il-kura tal-iltiema

Imbagħad qam Waleed u qal, "Jiena ltim. Il-ġenituri tiegħi mietu ħafna snin ilu. Ħadu ħsiebi ġenituri adottivi. Dejjem kienu qalbhom tajba miegħi. Rabbewni qisni kont it-tifel tagħhom. Jiena grat ħafna lejn Alla u l-Messaġġier tiegħu Muħammad, il-Qaddis Profeta[sa] tal-Iżlam, għall-interess tagħhom fil-kura tal-iltiema. Alla jgħid fil-Koran Imqaddes, 'Se jsaqsukom dwar l-iltiema. Għidulhom: l-inkoraġġiment għall-kura tagħhom huwa att ta' ġenerożità kbira. M'hemm l-ebda problema li tgħixu magħhom, għaliex huma ħutkom, u Alla jagħraf lil dak li jaħdem għall-benesseri tagħhom u jagħraf ukoll lil dak li jixtiqilhom id-deni.' (2: 221)

Il-Profeta tal-Iżlam qal, "Jien u dak li jagħti kas tal-bżonnijiet ta' wieħed iltim u li jrabbih jew irabbiha bl-aħjar mod possibbli nkunu flimkien fil-ġenna bħal żewġt iswaba' ta' id." U n-narratur għolla s-saba' l-werrej u dak tan-nofs biex jurihom kif.

Waleed kompla jfisser li l-Qaddis Profeta kien ta istruzzjonijiet dettaljati lill-Musulmani ta' kif għandhom jittrattaw lill-iltiema. Waleed qal, "Il-Qaddis Profeta nnifsu kien iltim; għalhekk kien jifhem sew x'kienu jħossu. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

Tariq qal, "Jiena għandi ktieb bid-diskorsi tal-Qaddis Profeta. F'wieħed minnhom huwa jgħid, **'L-aqwa dar Musulmana hija dik li turi mogħdrija mal-iltim, u l-agħar waħda hija dik fejn iltim jiġi ttrattat ħażin'."**

Miss Mitchell qalet, "It-trobbija tal-iltiema hija affari delikata ferm u ta' importanza kbira. L-Iżlam jenfasizza bi prominenza l-kura tal-iltiema. Jgħidilna li dawn għandhom jiġu meqjusa bħala membri tal-familja u għandhom jitrabbew bl-aqwa mod possibbli. Hija r-responsabbilità ta' dawk li jassumu r-rwol ta' kustodji li jipprovdu edukazzjoni tajba lill-iltiema taħt il-protezzjoni tagħhom u li jieħdu ħsieb sewwa tal-ġid tagħhom sakemm dawn ikunu kibru biżżejjed biex jieħdu ħsieb ħwejjiġhom."

# Ir-responsabbiltajiet tal-kustodji

Imbagħad kien imissu Abdullaħ. Dan semma d-diskors li ġej tal-Qaddis Profeta:

**"Intom il-poplu, kull wieħed minnkom huwa kustodju u għandu responsabbiltà quddiem Alla l-Omnipotenti tal-persuni li jkunu taħt il-ħarsien tiegħu."**

Miss Mitchell staqsietu, "Abdullaħ, tista' tfissrilna aħjar dan id-diskors?"

Abdullaħ qal, "Dan ifisser li min għandu l-awtorità jrid iwieġeb lil Alla l-Omnipotenti ta' kif ittratta n-nies li kienu taħt il-kura tiegħu. Kull persuna għandha xi forma ta' awtorità fuq l-oħrajn, iżda għandha wkoll dmirijiet u responsabbiltajiet lejn dawk il-persuni li jkunu taħt il-protezzjoni tagħha. Pereżempju, l-imam, jew il-mexxej reliġjuż, li għandu jieħu ħsieb in-nies jiġi mistoqsi fuq dawn in-nies, u r-raġel, li għandu jieħu ħsieb il-membri tal-familja tiegħu, jiġi mistoqsi dwar in-nies tal-familja tiegħu. Il-mara, li għandha tieħu ħsieb lil kull min joqgħod fid-dar flimkien mat-tfal, tiġi mistoqsija dwar dawn in-nies kollha. Bl-istess mod il-qaddej jew il-ħaddiem jiġi mistoqsi dwar dak kollu li kellu taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Dawk in-nies kollha bħall-għalliema, il-ġenituri, l-aħwa subien u bniet, dawk li jħaddmu n-nies, u l-kbarat, għandhom iwettqu d-dmirijiet tagħhom bl-aqwa mod possibbli. Dawk li jieħdu ħsieb it-tfal għandhom jaraw li t-tfal ikollhom manjieri tajbin u li jirċievu edukazzjoni tajba. Aħna t-tfal għandna nkunu grati ferm lejn il-Qaddis Profeta tal-Iżlam għal dan it-tagħlim tant sabiħ. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

# Iċċaħħdux lill-werrieta leġittimi

Il-persuna li kien imissha titkellem kienet Khalid. Dan qam u qal, "Iz-ziju tiegħi huwa raġel sinjur u għandu ħafna proprjetà. Ma għandux tfal tiegħu. Iz-zija adottat tifel mingħand qrabatha u ppruvat tagħmlu l-werriet ewlieni. Dan kien iċaħħad lilna u l-werrieta leġittimi kollha l-oħra mis-sehem tagħna mill-proprjetà taz-ziju. Meta z-ziju kkonsulta mal-imam, dan qallu li l-Iżlam ma jirrikonoxxix id-drittijiet tal-wirt ta' tfal adottati. Għaldaqstant iz-zija tiegħi bidlet fehmtha. B'hekk aħna ma tlifniex is-sehem tagħna. Aħna nirringrazzjaw 'l Alla u l-Profeta Tiegħu għal dan l-att ġust. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

Tony, li kien bilqiegħda maġenb Khalid, qal, "Miss, min ikun dan l-imam?"

Miss Mitchell wieġbet, "L-imam huwa persuna li jmexxi lill-Musulmani fit-talb. Huwa mexxej spiritwali, u li għandu jirrikorru l-Musulmani għall-pariri dwar kwistjonijiet reliġjużi."

# Ittrattaw it-tfal kollha b'mod ġust

Imbagħad tkellmet Sameen. Hija qalet lill-klassi li l-Qaddis Profeta tal-Iżlam kien ta istruzzjonijiet lill-Misilmin biex dawn jittrattaw b'mod ġust lit-tfal kollha. Hija rrakkontat inċident mill-ħajja tal-Qaddis Profeta. Hija qalet, "Darba kien hemm sieħeb bl-isem ta' Bashir li resaq lejn il-Qaddis Profeta flimkien ma' ibnu Nauman u qallu, 'Tista' toqgħodli xhud, jekk jogħġbok, għax se nagħti qaddej minn tiegħi bħala rigal lil dan ibni.' Il-Qaddis Profeta staqsieh, 'U t-tfal l-oħra tiegħek? Tajt rigal simili lil kull wieħed minnhom?' Bashir wieġbu, 'Le.' Il-Qaddis Profeta imbagħad ikkummenta, 'Ma nistax inkun xhud ta' azzjoni daqshekk inġusta.'

Minn dan l-inċident nintebħu kemm kien importanti għall-Qaddis Profeta li jara li l-ġenituri jittrattaw it-tfal kollha tagħhom indaqs u b'mod ġust. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

Imbagħad qabżet Satman u qalet, "Miss, oħti ma jogħġobhiex il-logħob li nħobb jien, allura missieri jġibilha ġugarelli differenti minn tiegħi. Sewwa hekk?"

"Iva," wieġbet Miss Mitchell, "sakemm it-tnejn li intom taqilgħu logħob tal-għażla tagħkom, m'hemm l-ebda diffikultà, iżda jekk xi ħadd minnkom ma jaqla' xejn, mela dik inġustizzja."

# Kunu qalbkom tajba mal-ħaddiema:
## ħallsu l-pagi tagħhom fil-pront

Imbagħad kien imissu Mansoor. Huwa beda l-istorja tiegħu hekk:

"Ħija jqassam il-gazzetti filgħodu qabel l-iskola. Jekk jagħmel żball, tal-gazzetti jmaqdru, jgħajjat miegħu, u xi kultant jimmultah. Mhux dejjem jitħallas fil-ħin. Tal-gazzetti xi kultant idum ġimgħat sħaħ ma jħallsu. L-aħħar darba, meta mort il-moskea, smajt lill-imam jgħid li fi żmien il-Qaddis Profeta kien hemm tifel jismu Anas. Kien wieħed mill-aktar dixxipli devoti tal-Qaddis Profeta. Ommu kienet ħallietu f'idejn il-Qaddis Profeta meta dan kellu biss għaxar snin. Kellu l-fortuna kbira li baqa' jaħdem fid-dar tal-Qaddis Profeta għal ħafna snin. Huwa kien jirrakkonta li l-Qaddis Profeta qatt ma maqdru talli m'għamilx xi ħaġa li kellu jagħmilha, jew li għamel xi ħaġa li mhux suppost għamilha. Anas kien jenfasizza wkoll li qatt ma kien ra lil xi ħadd li kien daqshekk qalbu tajba mat-tfal."

Mansoor kompla, "Dan l-inċident juri kemm il-Qaddis Profeta kien juri ħniena mat-tfal b'mod straordinarju. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

Sarah għolliet idha u qalet, "Il-Qaddis Profeta għamel enfasi kbira fuq id-drittijiet tal-ħaddiema. Jingħad li huwa qal, **'Ħallsu l-paga lill-ħaddiem qabel dan jinxiflu l-għaraq tiegħu.'** Għaldaqstant, wieħed tal-gazzetti m'għandu l-ebda dritt li jżomm il-flus ta' dak it-tifel li jqassamlu l-gazzetti."

Miss Mitchell żiedet, "It-tagħlim tal-Iżlam huwa siewi f'dan ir-rigward. Min iħaddem għandu jħallas fil-pront is-salarji tal-impjegati tiegħu."

# L-imħabba lejn it-tfal

Humairah irrakkontat ġrajja oħra mill-ħajja tal-Qaddis Profeta. "Darba ġew iżuru lill-Qaddis Profeta n-neputijiet tiegħu. Dan refagħhom, bieshom, u għannaqhom b'għożża kbira. Wieħed Bedwin li kien qed josservah qallu: 'Ja Messaġġier ta' Alla, aħna qatt ma esprimejna mħabba lejn uliedna b'dal-mod.' Il-Profeta wieġbu, 'Jekk intom nieqsa mill-imħabba u l-ħniena lejn uliedkom, jien x'nista' nagħmel?'"

Humairah issoktat, "Din il-ġrajja turina wkoll kemm il-Qaddis Profeta kien qalbu tajba u ħanin mat-tfal. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

Winston staqsa, "Miss, xi jkun Bedwin?"

L-għalliema wieġbet, "Il-Bedwini huma Għarab li jgħixu fid-deżert u jivvjaġġaw minn post għal ieħor qishom żingari. M'għandhomx post fiss ta' residenza."

Aħmad qal, "Jekk inħarsu lejn il-ħajja tal-Qaddis Profeta nintebħu li dan kien qalbu tajba ħafna ma' kulħadd. It-tfal ukoll kienu jħobbu l-kumpanija tiegħu. Meta kienu jilmħuh fit-triq it-tfal kienu jiġru lejh joqomsu bil-ferħ. Kien jerfagħhom wieħed wieħed, jgħannaqhom, ibushom, u jitlob għalihom. Jingħad li ħafna drabi, meta kien ikun riekeb fuq xi żiemel jew ġemel, kien iġorr lin-neputi tiegħu daqqa warajh, daqqa quddiemu, u xi kultant fuq spallejh ukoll.

Ħafna drabi d-Dixxipli tal-Qaddis Profeta kienu jaraw lil Ħasan, in-neputi tiegħu, bilqiegħda fuq koxxtu tal-lemin, filwaqt li Usama, iben l-ilsir meħlus tiegħu Żaid, kien ikun fuq koxxtu tax-xellug. Kien iħaddanhom miegħu bi mħabba u jitlob, **'Mulej! Imliehom it-tnejn bil-ħniena u l-grazzja tiegħek!'**

Xi kultant kien jiġri li xi omm kienet tnewwillu t-tarbija tagħha ħalli jberikha. Waqt li jkun bit-tarbija f'idejh, din kienet ixxarrbu. Il-Qaddis Profeta ma kienx jagħti kas, iżda kien jara li ħwejġu jinħaslu fil-pront.

Fil-fatt id-dinja ma ratx xempji ta' mħabba u mogħdrija daqs dawk murija mill-Qaddis Profeta. M'hemm l-ebda persuna li tisbqu f'dan ir-rigward. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

# Żommu l-wegħdiet tagħkom

Naseer beda l-istorja tiegħu b'dan il-mod: "Darba l-Qaddis Profeta żar dar ta' wieħed mis-sieħba tiegħu. Il-mara tad-dar sejħet lil binha, li kien qed jilgħab barra, ħalli tippreżentah quddiem il-Qaddis Profeta biex dan ikun jista' jimlieh bil-barka tiegħu. Qaltlu, 'Ejja ġewwa, ħalli nagħtik xi ħaġa x'tiekol.' Il-Qaddis Profeta staqsieha, 'X'qiegħda twiegħdu li se tagħtih?'

Hi wieġbet, 'Tamla niexfa.' Il-Qaddis Profeta rrimarka, 'Jekk twiegħed xi ħaġa lil xi tifel jew tifla, u ma żżommx il-wegħda tiegħek, tkun wettaqt dnub daqs wieħed li jgħid gidba.'"

Naseer issokta, "Dan id-diskors tal-Qaddis Profeta jurina li aħna għandna nżommu dejjem il-wegħdiet tagħna. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

Marija qalet, "Kull reliġjon tgħallimna li għandna nżommu l-wegħdiet tagħna u li ngħidu l-verità. Li tigdeb huwa meqjus bħala dnub kbir."

L-għalliema fissret, "Li wieħed jigdeb żgur li mhix ħaġa sewwa, u ladarba jidħol il-vizzju, huwa tassew diffiċli li wieħed jeħles minnu. Ħafna drabi t-tfal jadottaw dan il-vizzju għax ikunu ħadu eżempju ħażin mingħand l-adulti. Għaldaqstant il-kbar għandhom dejjem jagħtu eżempju tajjeb quddiem it-tfal u jippruvaw ma jigdbux."

Sarah talbet il-permess biex titkellem u rrakkontat diskors tal-Qaddis Profeta fejn qal, **"Il-verità twassal għall-virtù u l-virtù twassal għall-Ġenna.** Persuna li tippersisti li tibqa' tgħid il-verità sakemm tidher quddiem Alla tissejjaħ onesta. Li wieħed jigdeb iqarreb lejn il-vizzju u l-vizzju jwassal għan-nar. Persuna li tibqa' tgħid il-gideb sakemm tidher quddiem Alla tissejjaħ giddieba."

# Agħtu widen lit-tfal

Zoya rrakkontat inċident mill-ħajja tal-Qaddis Profeta. Hija qalet, "Darba l-Qaddis Profeta rrimarka li xtaq itawwal il-ħin tat-talb, iżda waqt li kien qed imexxi t-talb kellu jieqaf ħabta u sabta hekk kif sema' tarbija tibki. Ma xtaqx li t-tarbija u ommha jkomplu jsofru. Dan kien juri kemm il-Qaddis Profeta kien sensittiv u ħanin lejn it-tfal. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu."

Aamina għolliet idha u qalet, "Il-Qaddis Profeta qalilna li għandna nuru rispett lejn l-anzjani tagħna u nkunu ġenerużi maż-żgħar. Jingħad li qal, **'Wieħed li ma jurix mogħdrija maż-żgħar tagħna u ma jagħrafx id-drittijiet tal-anzjani tagħna mhuwiex wieħed minna.'"**

Sarah qalet, "Miss! Jiena naf diskors tal-Qaddis Profeta. Ayesha, mart il-Qaddis Profeta, tirrakkonta, 'Mara fqira ġiet għandi flimkien maż-żewġt ibniet tagħha. Jien ma kelli xejn fid-dar ħlief tamal. Għalhekk tajtha tliet tamliet. Tat waħda lit-tfal u kienet se titfa' f'ħalqha t-tielet waħda. Il-bniet talbuhielha u hi qasmet it-tamla fi tnejn biex tagħti nofs lil kull waħda mit-tfal. Jiena bqajt mistagħġba bl-att ta' sagrifiċċju tagħha u rrakkontajt dan l-inċident lill-Qaddis Profeta. Il-Qaddis Profeta qal, 'Alla se jirregala l-Ġenna lil dik il-mara minħabba l-att ta' mħabba li wriet ma' wliedha.'"

# Il-kastigi tat-tfal

Il-persuna li kien imissha titħaddet kienet Tariq. Huwa qal lill-klassi li l-Qaddis Profeta ma kien jippermetti lil ħadd li jagħti daqqa ta' ħarta lit-tfal. Huwa qal, "Dan l-aħħar kont qed nara programm fuq it-televixin. Beda jġib ħafna każijiet fejn il-ġenituri kienu tant urtati bl-imġiba tat-tfal tagħhom li kienu jitilfu t-tempra u jsawtuhom fuq wiċċhom.

F'xi pajjiżi, anki fil-ġurnata tal-lum, il-kbar isawtu lit-tfal bħala kastig għal kull azzjoni ħażina li jwettqu. Xi kultant dan iħalli xi tbenġila fuq wiċċhom jew jikkawża feriti gravi oħra. Il-Qaddis Profeta tal-Iżlam, li kien jaqbeż ħafna għat-tfal, ma kienx jippermetti daqqiet fuq il-wiċċ. Dan juri l-ġenerożità u l-imħabba li kellu l-Qaddis Profeta lejn it-tfal. Jalla l-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuq il-Qaddis Profeta li wasslilna dan it-tagħlim sabiħ."

Miss Mitchell qalet, "Aħna kollha nafu li l-wiċċ huwa parti sensittiva ħafna tal-ġisem tagħna, u d-daqqiet fuq il-wiċċ jistgħu jikkawżaw ħsara kbira. Għaldaqstant ma għandna qatt nagħtu lit-tfal fuq wiċċhom."

## It-tfal kollha jitwieldu bla dnub

Zain kien imissu jitkellem. Huwa qam minn bilqiegħda u qal, **"Fl-Iżlam nemmnu li t-tfal kollha jitwieldu mingħajr dnub."**

John staqsa, "Miss! L-Insara x'jemmnu?"

Miss Mitchell fissret, "Il-maġġoranza tal-Insara jemmnu fit-teorija tad-dnub oriġinali. Huma jistqarru li Adam u Eva dinbu. B'riżultat ta' dan it-tfal tagħhom wirtu d-dnub u minn dak iż-żmien ulied Adam baqgħu jitwieldu midinba."

Zain qal, "Skont it-tagħlim Iżlamiku, kull persuna hija responsabbli tal-azzjonijiet tiegħu jew tagħha, u tirrispondi direttament lejn Alla. Il-Koran Imqaddes jgħid li ħadd ma jista' jġorr il-piżijiet ta' ħaddieħor. (35: 19) Jekk persuna tidneb, għandha tiġi kastigata hija biss ta' dak id-dnub u ħadd ieħor. Dan huwa prinċipju fundamentali tal-ġustizzja. Għalhekk, skont l-Iżlam, kull tifel u tifla jitwieldu bla dnub, il-għaliex id-dnub ta' persuna partikolari ma tistax tintiret minn persuna oħra. Huwa l-ambjent tiegħu, l-ideat u l-prinċipji tal-ġenituri tiegħu, u t-tagħlim li jirċievi mingħandhom li fl-aħħar nett jagħmlu individwu tajjeb jew ħażin."

Ħamżah kien bilqiegħda ħdejh. Huwa żied, "Il-Qaddis Profeta tal-Iżlam jingħad li qal, 'Kull tifel u tifla jitwieldu f'armonija man-natura. Huma l-ġenituri li jbiddluhom f'Lhud, jew iġagħluhom iqimu n-nar, jew isiru Nsara.'"

Huwa qal li għandna nkunu grati lejn il-Qaddis Profeta tal-Iżlam għaliex neħħa l-istigma tad-dnub mit-tfal kollha li jitwieldu u huwa ddikjara li t-tfal kollha li jiġu f'din id-dinja jitwieldu bla dnub u għaldaqstant ikunu innoċenti.

# Itolbu l-barkiet għal fuq il-Profeta

Akbar kien l-aħħar wieħed li kellu jitkellem. Huwa qal, "Aħna flejna aspett wieħed mill-ħajja tal-Qaddis Profeta. Rajna kemm kien iħobb lit-tfal. Qgħadna nisimgħu d-diskorsi varji tiegħu, u t-tagħlim tiegħu, dwar kif it-tfal għandhom jitrabbew. L-Iżlam huwa sensiela sħiħa ta' istruzzjonijiet dwar il-ħajja. Isemmi d-drittijiet kif ukoll id-dmirijiet tal-mexxejja kif ukoll tas-sudditi tagħhom, id-drittijiet u d-dmirijiet tal-irġiel u n-nisa tagħhom, tan-negozjanti u l-klijenti tagħhom.

Aħna, bħala tfal, għandna ħafna x'nitgħallmu mill-Iżlam jekk irridu li ħajjitna tkun mimlija suċċessi. Irridu nattwaw it-tagħlim li wasslilna l-Qaddis Profeta tal-Iżlam jekk irridu noħolqu soċjetà b'saħħitha u kuntenta.

**Alla bagħat lill-Qaddis Profeta bħala 'ħniena għall-umanità'.**

Kien barka mhux biss għad-dixxipli tiegħu iżda wkoll għall-għedewwa tiegħu. Kien ta' mogħdrija għall-annimali kif ukoll għall-pjanti. Għalhekk huwa d-dmir tagħna li nagħtu ġieħ lil din il-persuna u li noffrulha tislima ta' paċi."

Akbar issokta jgħid li l-Koran Imqaddes jiddikjara li, 'Alla jixħet il-barkiet tiegħu fuq il-Profeta, u l-anġli Tiegħu l-ħin kollu jitolbu għall-barkiet ta' Alla fuqu. Intom ukoll, ja fidili, titolbu għall-barkiet ta' Alla fuq il-Profeta u toffrulu tislima ta' paċi?' (33: 57)

"B'ubbidjenza għal dan l-amar divin, il-Musulmani mxerrda mad-dinja kollha jitolbu għalih u jsejħu lil Alla biex jimlieh bil-barkiet tiegħu. Huma jgħidu: Ixħet il-barkiet tiegħek, O Alla, fuq Muħammad u l-poplu tiegħu bħalma xħett il-barkiet tiegħek fuq Abraham u fuq il-poplu ta' Abraham. Imla bil-ġid, O Alla, lil Muħammad u n-nies tiegħu bħalma mlejt bil-ġid lil Abraham u

n-nies ta' Abraham. Inti tassew ta' min ifaħħrek, O mimli bil-Grazzja."

Sita, Billy, Susan u Metori kollha kienu ħerqana biex jirrakkontaw l-istejjer tagħhom, iżda l-għalliema ħarset lejn l-arloġġ tagħha u qalet, "M'hemmx aktar lok għad-diskussjoni llum. Għalhekk se jkollna nipposponu d-diskussjoni tagħna għal darb'oħra."

Il-qanpiena daqqet u l-għalliema ħarġet lit-tfal barra mill-klassi.

**********************

***Il-Ħlewwa mat-Tfal tal-Qaddis Profeta**[sa]* fih linji gwida għall-ġenituri, għalliema, kustodji, u dawk kollha involuti fit-trobbija tat-tfal, rigward l-imġiba soċjali, l-edukazzjoni u t-tagħlim tagħhom. Il-ktieb jgħin ukoll biex wieħed jifhem id-drittijiet u r-responsabbiltajiet tat-tfal. Nisperaw li l-ktieb jiġi apprezzat kemm mit-tfal kif ukoll mill-kbar u jnebbaħ fihom l-imħabba u l-gratitudni lejn il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] li wasslilna tagħlim daqshekk sabiħ.

**Lealtà | Ħelsien | Ugwaljanza | Rispett | Paċi**

Imħabba għal Kulħadd – Mibegħda għal Ħadd

*This is the Maltese translation of the book "The Holy Prophet's Kindness to Children," authored by Rashid Ahmad Chaudhry.*

Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta
www.ahmadija.org.mt